MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 204/2015

**Maltese Cross Financial Services Limited qabel maghrufa bhala Island Financial Services Limited (C26960)**

***kontra***

**X**

***u***

**b`digriet tad-9 ta` April 2015 l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta giet awtorizzata tintervjeni f`dan il-procediment *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

Illi fl-4 ta` Marzu 2015, Stephen Spiteri u Robert Cutajar li flimkien jikkostitwixxu l-bord tad-diretturi, ghan-nom in rapprezentanza ta` Maltese Cross Financial Services Limited ("**ir-rikorrenti**") ipprezentaw rikors fejn, ghar-ragunijiet li semmew, talbu *inter alia* x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited abbazi tal-Art 214(2)(b)(iii) u l-Art 218(1)(c) tal-Kap 386. Talbu wkoll lill-Qorti sabiex skond l-Art 228 tal-Kap 386 tappunta minnufih lir-ricevitur ufficjali bhala amministratur provvizorju *sabiex jamministra u jiggestixxi n-negozju tal-kumpannija ... u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni tal-imsemmi negozju u dana taht id-direzzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti.*

Illi mar-rikors promotur kienu prezentati serje ta` dokumenti li l-Qorti rat u ezaminat.

Illi fis-6 ta` April 2015, l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ("**l-Awtorita**") ipprezentat rikors fejn, ghar-ragunijiet li semmiet, talbet li tintervjeni fil-procediment tal-lum.

Illi l-ewwel appuntament tal-kawza kien fid-9 ta` April 2015.

Illi matul dik is-seduta il-Qorti tat digriet fejn awtorizzat lill-Awtorita` sabiex tintervjeni fil-procediment *in statu et terminis.*

Illi fl-istess udjenza, iz-zewg rikorrenti kkonfermaw bil-gurament taghhom il-kontenut tar-rikors taghhom u d-dokumenti li kienu annessi mieghu.

Illi inoltre fl-istess seduta, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tipprovdi dwar l-ewwel talba taghhom u cioe` t-talba ghall-hatra ta` amministratur provvizorju. It-talba ma kenitx opposta mill-Awtorita`.

Illi l-Qorti tat direzzjoni lir-rikorrenti u lill-Awtorita` sabiex jindikaw is-setghat u d-dmirijiet li kienu qeghdin jitolbu lill-Qorti li taghti lill-Amministratur Provvizorju.

Illi r-rikorrenti u l-Awtorita` pprezentaw nota fid-29 ta` April 2015 skond kif kienu diretti jaghmlu mill-Qorti.

Illi l-procediment thalla ghal-lum ghal provvediment dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Dan huwa l-provvediment.

**Ikkunsidrat :**

Il-provvediment tal-lum jirrigwarda **biss** it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tahtar amministratur provvizorju ghall-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited ("**il-kumpannija**").

Ghall-fini **specifiku** tal-provvediment tal-lum, il-konsiderazzjoni mhijiex jekk il-kumpannija ghandhiex tigi xjolta u stralcjata abbazi tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 – skond kif talbu r-rikorrenti – ghaliex dik hija kwistjoni li din il-Qorti ghad trid tistabilixxi wara li tkun semghet il-provi kollha.

Fl-istadju attwali tal-procediment, l-iskrutinju tal-Qorti huwa **cirkoskritt u limitat** ghall-kwistjoni ta` jekk huwiex opportun li jinhatar amministratur provvizorju.

Il-hatra ta` amministratur provvizorju hija regolata bl-**Art 228 tal-Kap 386** li taqra hekk :-

*(1) The court may by order appoint a provisional administrator at any time after the presentation of a winding up application and before the making of a winding up order, and either the official receiver or any other competent person may be so appointed.*

*(2) The provisional administrator shall carry out such functions and powers in relation to the administration of the estate or business of the company as the court may specify in the order appointing him.*

*(3) The provisional administrator holds office until such time as the winding up order is made or the winding up application is dismissed unless before such time he resigns.*

Huwa evidenti li l-ligi ma tfissirx ir-rwol tal-amministratur provvizorju. Il-ligi thalli **ghal kollox** f'idejn il-Qorti dwar jekk ikunx indikat li taghmel il-hatra u fil-kaz li taghmel il-hatra, x`setghat taghti lill-amministratur provvizorju, tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz.

Fil-kaz tal-lum huwa evidenti illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-Awtorita` qeghdin **jaccettaw** li ghandha ssir il-hatra ta` amministratur provvizorju ghall-kumpannija.

Il-**prova** ta` dan hija n-nota konguntiva li pprezentaw ir-rikorrenti u l-Awtorita` fid-29 ta` April 2015.

Ir-rikorrenti u l-Awtorita` huma **konkordi** li s-setghat tal-amministratur provvizorju ghandhom **jinkludu** :

**(a)** *is-setgha li jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi u l-propjeta` kollha tal-kumpannija … kif ukoll it-tmexxija tal-istess assi u propjeta`, bl-eskluzjoni ta` kull persuna ohra ;*

**(b)** *is-setgha li jwettaq kull funzjoni jew funzjonijiet ohra tas-socjeta` rikorrenti ghall-fini li jitharsu l-interessi tal-investituri, konsumaturi, kredituri u azzjonisti tal-istess socjeta` rikorrenti, inkluz dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet kollha ezercitabbli mil-laqgha generali, mid-diretturi u minn kull ufficjali iehor tal-kumpannija, b`eskluzjoni ta` kull persuna ohra ;*

**(c)** *is-setgha li jezercita r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tas-socjeta` rikorrenti f`kull haga liema rapprezentanza ghandha tvesti minnufih fl-amministratur provvizorju b`eskluzjoni ta` kull persuna ohra ;*

Wara li qieset il-**<u>kawzali</u>** li wasslu lir-rikorrenti sabiex jitolbu x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija abbazi tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386, il-Qorti tifhem il-premura tar-rikorrenti li sakemm tigi determinata finalment l-istanza taghhom tax-xoljiment u stralc, il-kumpannija titqieghed taht il-kontroll ta` amministratur provvizorju.

Din il-Qorti tghid illi bil-hatra ta` amministratur provizorju jigi preservat l-istat attwali tal-kumpannija sabiex jekk jigu ppruvati r-ragunijiet tar-rikorrenti ghax-xoljiment, u l-Qorti tghaddi ghall-istralc, kull kreditur jew kull persuna ohra li jkollha xi pretensjoni kontra l-kumpannija jitilqu lkoll mill-istess punt tat-tluq u kulhadd jiehu skond ma ghandu jedd ghalih ; b`hekk *hadd ma jigri l-ewwel biex jasal l-ewwel.*

Il-Qorti trid tghid illi r-rwol tal-amministratur provizorju mhuwiex dak ta` stralcjarju u ghalhekk min jinhatar huwa prekluz milli jiddisponi mill-assi sabiex bir-rikavat ihallas id-djun u b`li jibqa` jhallas lill-azzjonisti.

Huwa sintomatiku li fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti u l-Awtorita` qeghdin jaqblu t-tnejn li l-Qorti ghandha tahtar amministratur provvizorju.

Wara li rat l-atti tal-kawza sal-lum u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tipprocedi bil-hatra ta` amministratur provvizorju ghall-kumpannija.

Dwar il-funzjonijiet u s-setghat tal-amministratur provvizorju, il-Qorti ma tridx li jkollu r-rwol ta` semplici amministratur bil-funzjoni li jiehu hsieb semplicement l-amministrazzjoni ta` kuljum tal-kumpannija.

Ghalkemm il-kumpannija mhux se tibqa` bla diretturi, fl-istess waqt il-Qorti sejra tghaddi l-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi prezenti lill-amministratur provvizorju.

Bit-trasferiment li sejra taghmel il-Qorti, ghandu jkollha il-konfort li l-amministratur provvizorju ma jispiccax bhallikieku semplici *manager* li jkollu jissoggetta ruhu ghar-rieda – tajba jew hazina tad-diretturi.

Il-Qorti dan ma tridux u propju ghalhekk qeghda tipprovdi li l-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi jkunu fdati lill-amministratur provvizorju.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-ewwel talba tar-rikors promotur tar-rikorrenti billi, bl-applikazzjoni tal-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tahtar**

**lir-Ricevitur Ufficjali bhala Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960).**

**Ghal dan il-ghan, qeghda b`effett mil-lum :-**

**1) Tordna s-sospensjoni tal-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi attwali tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960), kemm individwalment kif ukoll kollettivament bhala bord, sakemm tkun deciza t-talba tar-rikorrenti ghax-xoljiment u stralc tal-istess kumpannija.**

**2) Tordna lid-diretturi tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) sabiex jaghtu, kemm lill-amministratur provvizorju kif ukoll lill-Awtorita` intervenuta fil-kawza, access shih u liberu ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti fil-pussess taghhom.**

**3) Taghti lill-amministratur provvizorju s-setgha li jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi u l-propjeta` kollha tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) kif ukoll it-tmexxija tal-istess assi u propjeta` taghha. L-amministratur provvizorju ghandu jipprocedu bil-massima kawtela u trasparenza, bl-eskluzjoni ta` kull persuna ohra.**

**4) Taghti lill-amministratur provvizorju kull setgha li jwettaq kull funzjoni tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960), inkluzi s-setghat, funzjonijiet u dmirijiet kollha ezercitabbli mil-laqgha generali, mid-diretturi u minn kull ufficjali iehor tal-kumpannija, b`eskluzjoni ta` kull persuna ohra.**

**5) Taghti wkoll lill-amministratur provvizorju s-setgha li jezercita r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) ad eskluzjoni ta` kull persuna ohra.**

**6) Tordna li l-ispejjez tal-hatra ta` amministratur provvizorju, inkluzi dawk relatati mal-qadi tal-funzjonijiet u setghat tal-istess, ghandhom jithallsu provvizorjament mir-rikorrenti.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment, kif ukoll provvediment finali dwar l-ispejjez tal-amministratur provvizorju, jibqghu rizervati ghal meta tinghata decizjoni fl-ahhar dwar it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------